MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 1447/2004

**Gasan Mamo Insurance Limited C-3143**
**kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat**
**taghha Armando Buttigieg, u l-istess**
**Armando Buttigieg**

**Vs**

**John Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta’ Lulju, 2004 fejn gie premess illi l-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma ta’ disa` mija u hames Liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm905.53), u dana in kwantu ghas-somma ta’ Lm792.28 lis-socjeta` attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta’ Lm113.25 lill-attur l-iehor Amando Buttigieg, rappresentanti danni li soffrew l-atturi meta l-konvenut, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru

EBY 639 fit-22 ta' Awissu 2003 gewwa Ta' Xbiex habat mal-vettura numru BAH 905 propjeta` tal-attur, Armando Buttigieg u ikkaguna danni f'din l-istess vettura liema vettura kienet assikurata comprehensive mas-socjeta` attrici assikuratrici.

Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjes, komprisi dawk tal-parir (Lm15.00) u ta' Ittra Ufficcjali datata 26 ta' April 2004 kontra l-konvenut u ta' Ittra Ufficcjali ohra ippresentat kontestwalment ma' dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Ittra Ufficjali tas-26 ta' April 2004 kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut tat-3 ta' Settembru 2004, fejn gie eccepit illi (1) l-incident de quo ma garax tort ta' l-eccipjent John Caruana (2) ghalhekk fejn jirrigwardja lill-istess John Caruana ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess l-atturi ghandhom igibu prova skond il ligi (3) In oltre` ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni (4) Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-Ligi u bl-ispejjez kontra l-attur.

Sema` x-xiedha kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha prodotti;

Sema` t-trattazzjoni ta' l-abbli Avukati difensuri tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni;

**Ikkunsidra** :

Illi din il-kawza tirrigwarda incident stradali li sehh fit-22 ta' Awissu 2003 gewwa Ta' Xbiex bejn vettura EBY – 639 u ohra BAH – 905 u dan it-Tribunal irid qabel jilqa` jew jichad it-talba attrici, jiddeciedi dwar ir-responsabbilita` ghall-istess incident.

Illi jirrizulta illi l-incident sehh nhar it-22 ta' Awissu 2003 f'Ta Xbiex bejn vettura EBY – 639 misjuqa minn John Caruana u vettura BAH - 905 misjuqa minn Armando Buttigieg.

Illi Armando Buttigieg, sewwieq tal-vettura Skoda BAH - 905 jghid (3.02.05) illi hu kien gej mid-direzzjoni tal-Gzira sejjer lejn l-Imsida. Jghid illi x-xarabank li maghha kellu l-incident de quo kienet wieqfa fuq il-Bus Stop u hu ssorpassha. Jghid illi meta qorob id-dahla ghal *Yacht Marina* harget vettura misjuqa minn terzi b'velocita` qawwija, u ghalhekk kellu jzomm il-brejk. Jghid illi konsegwenza ta' dan ix-xarabank dahhlet go fih. Jghid illi ma jafx min kien qed isuq il-vettura li harget b'velocita` qawwija.

Muri l-formola (a fol 10), Armando Buttigieg gharaf il-firma tieghu u kkonferma l-isketch, imma jghid illi meta qabez ix-xarabank "*kont ergajt dhalt lura fil-karreggjata tieghi u mxejt ftit*". Kien ghalhekk illi mbaghad qal illi ma jaqbilx ma l-iskizz peress illi fuq l-iskizz, il-vettura tieghu tidher skuntrata b'dana kollu xorta wahda iffirmha.

Armando Buttigieg jichad illi ried jidhol lejn il-gnien tal-Gzira, u jichad li kellu xi indicator mixghul ghal dan il-ghan.

In kontro-ezami Armando Buttigieg jghid illi jikkalkula illi meta qabez ix-xarabank, kien mexa` tul ta' zewg vetturi meta harget il-vettura mill-gnien b'velocita` qawwija.

Mart Armando Buttigieg, Pauline Buttigieg, xehdet (24.11.05) illi l-vettura b'velocita` harget 'wrong way' mill-Yacht Marina, u in ezami, mill-bqija tikkonferma dak li xehed zewgha. In kontro-ezami pero` tikkonferma – kuntrarjament ghal dak li xehed zewgha – illi zewgha kien ghamel l-indicator tax-xellug meta qabez ix-xarabank – u fuq ix-xellug tieghu kien hemm il-Yacht Marina.

Il-konvenut John Caruana (24.11.05) xehed illi bejn il-bus stop u l-post ta' l-incident hemm madwar 300 pied. Jghid wkoll illi meta huwa gie biex jaqla` minn fuq il-bus stop –

kien "*konxju li kien hemm xi hadd magenbi qed jaqla*". Jghid illi "*filwaqt illi konna mexjin f'hin minnhom intefa` quddiemi u fis-siegha u l-hin huwa waqaf. Bejn meta dahal quddiemi u sehhet il-habta kienet kwistjoni ta' ftit sekondi*."

Minn naha tieghu l-konvenut jaqbel ma` l-isketch u jindika l-qtugh tal-linji f'parti 14 ta' l-isketch bhala d-dahla ghall-Yacht Marina. Jispjega wkoll illi l-hsara tieghu kienet fuq in-number plate ta' quddiem, filwaqt illi l-hsara tal-vettura BAH – 905 kienet fuq wara, fuq ix-xellug.

In kontro-ezami ma setax jghid jekk hargitx vettura b'velocita` kif jallega l-attur. Jghid wkoll illi "*mill-mument li qalani sal-mument li dahal quddiemi, nikkalkula illi kien hemm tul ta' karozza*".

Meta xehed <u>Stephen Attard</u> (2.02.06) – dan ikkonnferma illi meta wasal fuq il-post, il-vetturi sabhom kif inhuma fuq l-isketch qabel iffirmaw. In kontro-ezami (17.10.06), jghid illi d-dettalji relattivi ghal vettura B imlihom hu, izda dwar il-vettura l-ohra le. Jinnota wkoll hsarat fuq l-Iskoda fuq wara u li Armando Buttigieg kien qallu illi "*qabad u kiser biex jidhol lejn il-yachtijiet*".

**Ikkunsidra ulterjorment** :

Illi l-hsara fuq il-vettura BAH – 905 kienet, kif indikat fuq l-istess dikjarazzjoni Front to Rear (fol. 10) fuq tail gate, mudgard, bumper, rear head lamp u rear left door.

Illi t-Tribunal mill-provi prodotti, ma ghandux ghalfejn jiddubita illi l-vetturi kienu, fil-hin ta' l-incident, fil-posizzjoni ndikati fuq l-iskizz.

Illi ghalkemm Armando Buttigieg xehed "*nichad li jiena xeghelt l-indicator sabiex nidhol fi triq laterali jew fl-entratura tal-gnien tal-Gzira. Jiena sempliciment xeghelt l-indicator sabiex nissorpassa x-xarabank*" – b'dana kollu Pauline Buttigieg tghid "*qabez ix-xarabank u gie biex jidhol quddiemha u ghamel l-indicator <u>wkoll</u> meta gie biex jidhol quddiemha*". Di piu` id-dikjarazzjoni Front to Rear,

fil-parti ffirmata ghaliha minn Armando Buttigieg dwar il-vettura tieghu tghid – "*Vettura B (xarabank) kienet wieqfa tnizzel in-nies. Vettura A (Skoda) ghamlet l-indicator illi diehel fuq in-naha ta' gewwa*".

Illi tenut kont dawn ic-cirkostanzi kollha, it-Tribunal ihoss illi huwa giust illi tigi akkolta l-verzjoni tal-fatti kif sottomessa mill-konvenut – ossia illi appena sar is-sorpass, l-iSkoda ta' l-attur ghamlet manuvra f'daqqa biex tidhol quddiem ix-xarabank bil-konsegwenza illi sehh l-incident de quo.

Illi kien ghalhekk l-immanuvrar tas-sewwieq assikurat tas-socjeta` attrici, appuntu ta' l-istess Armando Buttigieg illi wassal ghall-incident de quo.

Fid-dawl ta' dan ikun superfluwu illi t-Tribunal jissindika l-quantum tad-danni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------